TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 150/12/GB

**Francis u Josephine Ripard**

**vs**

**Anvil Ltd u Dunstan Williams**

Illum 26 ta' Frar 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-18 ta' Gunju, 2012 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' sebgha mija disgha u ghoxrin Ewro (€729.00) rapprezentanti l-prezz li huma hallsu lill-intimati bhala depozitu fuq xoghol tal-hadid, liema xoghol qatt ma sar u/jew gie kkonsenjat lilhom.

Is-socjeta' ntimata u l-intimat, it-tnejn ipprezentaw risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendew ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata u ta' l-intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Fis-7 ta' Gunju 2010, huma kienu ghamlu ordni ta' xoghol ta' hadid ghad-dar taghhom ghand is-socjeta' ntimata 'Anvil Ltd', liema xoghol kellu jiġi mwahhal fil-post fis-7 ta'Awissu 2010.

Ghal dan ix-xoghol, ir-rikorrenti gew mitluba jhallsu depożitu ta' sebgha mija disgha u ghoxrin Ewro (€729.00). Ghal din l-istima u ordni, ir-rikorrenti kienu kellmu lill-intimat Dunstan Williams, fejn huwa kien ittimbra l-invoice, li kienet qed isservi wkoll bhala riċevuta tad-depozitu. L-istess intimat kien tahom ukoll 'business card' ta' 'Anvil Decor'.

Ta' min jinnota li l-invoice/riċevuta hija fuq letterhead tas-socjeta' ntimata 'Anvil Ltd' u l-'business card' hija ta' 'Anvil Decor Ltd', kif ukoll it-timbru fuq il-letterhead. Fil-fatt dawn huma żewġ kumpaniji differenti, ta' liema l-intimat Dunstan Williams kien id-Direttur fit-tnejn li huma.

Bejn Lulju u Awissu 2010, il-madum kien lest, u ghalhekk ir-rikorrenti kienu ċemplu lill-intimat Dunstan Williams sabiex jghidulu li x-xoghol seta' jitqieghed, fejn l-istess intimat kien weghedhom illi fil-bidu ta' Ottubru kien ser imur jiehu l-qies sew. Fit-22 ta' Ottubru, l-intimat Dunstan Williams kien gahdu ma marx ghand ir-rikorrenti u ghalhekk ir-rikorrenti ippruvaw jaghmlu kuntatt mieghu, fejn informahom illi kien f'meeting.

Ir-rikorrenti baghtu diversi reminders lill-intimat Dunstan Williams u bejn il-15 u l-20 ta' Novembru 2010, ir-rikorrenti kienu tkellmu mieghu fuq it-telefon, fejn Williams kien informahom illi kienu fil-lista u li kif jehilsu x-xoghol ta' jdejhom, kienu ser jaqduhom, ghalkemm sa l-20 ta' Novembru ma kien gara xejn.

Bejn l-20 u l-24 ta' Novembru, ir-rikorrenti bdew jippruvaw jaqbdu lill-intimat Dunstan Williams, fejn fl-ahhar irrisponda l-mobile ta' l-istess Williams ċertu Mark. Sussegwentement, l-intimat Williams flimkien ma' raġel iehor (ta' nazzjonalità Torka) kienu marru fuq il-post sabiex jiehdu l-qies.

Sas-7 ta' Dicembru, kien ghadu ma mar hadd ghand ir-rikorrenti sabiex jitqieghed ix-xoghol, fejn ir-rikorrenti regghu bdew jippruvaw jaghmlu kuntatt ma' l-intimat Williams, pero' kien kollu ghal xejn.

Ir-rikorrenti ezebew dokumentazzjoni relattiv.

**Is-socjeta' ntimata 'Anvil Ltd' issottomettiet bil-miktub illi:-**

Preliminarjament it-talba tal-atturi ma tregix fil-fatt u fid-dritt stante illi hija milquta bil-preskrizzjoni;

Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost ghalkemm mill-atti ppreżentati mill-atturi jidher li ntuża l-isem tas-socjeta' Anvil Limited, kif se jiġi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tat-talba, l-imsemmija socjeta' ma kienitx involuta f'din l-ordni;

Illi fil-fatt l-esponenti qatt ma ttrattaw ma' l-atturi dwar din l-ordni u d-depozitu li hallsu l-atturi ma ghaddiex ghand il-kumpanija Anvil Limited;

Illi l-atti kollha ppreżentati mill-atturi jġorru l-marka tas-socjeta' Anvil Decor Limited, u ukoll kif se jiġi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tat-talba, d-dokument li fih l-ordni huwa wiehed falz;

Illi ghaldaqstant l-esponenti ma ghandhomx jinżammu responsabbli ghat-talba tal-atturi;

Illi fic-cirkostanzi l-esponenti jirriżervaw li jagħmlu eċċezzjonijiet ulterjuri.

**L-intimat Dunstan Williams issottometta bil-miktub illi:-**

It-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante:

1. Illi in via preliminari l-intimat Dunstan Williams m'għandu ebda relazzjoni ġuridika mal-atturi stante li aġixxa bħala direttur tas-socjeta' Anvil Limited;
2. Illi, dejjem in linea preliminari iżda mingħajr preġudizzju għal dak eccepit, dan it-Tribunal mhux kompetenti ratione materiae l-odjerna vertenza stante li l-istess taqa' taħt it-Tribunal għal Talbiet Zgħar, u dan peress li t-talba hija waħda għal ħlas ta' depożitu u għalhekk ma taqax taħt Artikolu 20 tal-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Illi fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimat Dunstan Williams m'għandu l-ebda debitu fil-konfront ta' l-atturi;
4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regħhu kkonfermaw il-verzjoni tagħhom bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi l-intimat Dunstan Williams, fix-xhieda guramentata tiegħu, rega' kkonferma l-verzjoni tiegħu bil-miktub, fejn żied jistqarr illi hu kien sħab ma' tnejn oħra. Kienu krew il-premises ta' Charles Palmier (sid il-kumpanija Anvil Ltd). Qabel l-2010, huwa kien irċieva ittra mingħand l-MFSA li m'għadux direttur. Huwa kkonferma illi d-depożitu kien tħallas mir-rikorrenti, iżda li x-xogħol kien baqa' ma sarx. Stqarr ukoll illi kien jaf bix-xogħol li kien hemm pendenti għal mill-inqas tliet klijenti, iżda ma seta' jagħmel xejn peress li kien spiċċa minn hemm.

L-intimat Dunstan Williams ezebixxa affidavit ta' Ahmed Adam Ertugrul, li gie mmarkat bħala Dok.AE1; flimkien ma' dokument li gie mmarkat bħala Dok.DW1.

In kontro-ezami, l-istess xhud stqarr illi kienu z-zewgt ishab l-oħra li kienu ddecidew li jgegħluħ jirriżenja, kemm mill-Anvil Ltd kif ukoll mill-Anvil Decor Ltd. Skond il-management agreement, Anvil Decor Ltd kienet il-kumpanija li minnha joħrog ix-xogħol. Ix-xhud ikkonferma illi huwa qatt ma ffirma management agreement. Stqarr ukoll illi meta gie stabbilit Anvil Decor Ltd u anke ftit qabel, kien inbidel it-template ta' l-invoice. Ikkonferma li l-firma fuq l-ordni hija tiegħu. Kien għadu direttur taz-zewg kumpaniji fl-2010. Ikkonferma wkoll li r-rikorrenti kienu ħallsu l-ammont ta' €790.00 lill-Anvil Ltd. Fiżikament kienu ħallsu lilu għax huwa kien hemm dak il-ħin. Stqarr ukoll illi kif jidħol depożitu, dan jiġi depożitati il-Bank fil-kont ta' Anvil Decor Ltd.

In kontro-ezami, ix-xhud Ahmed Adam Ertugrul, ikkonferma bil-gurament illi fis-7 ta' Awissu 2010 ix-xoghol kien lest biex jitqassam.

In ri-ezami, l-istess xhud stqarr illi huma kienu hadmu skond il-management agreement bejn Anvil Ltd u Anvil Decor Ltd. Huma jahdmu fil-post ta' Anvil Ltd u ma kienux permessi li jkomplu x-xoghol minhabba l-fatt li Mr Charles Palmier ta' Anvil Ltd kien hadilhom il-fabbrika. Ix-xhud ma setax jiftakar id-data ta' tranżazzjoni. Stqarr illi huma kienu diretturi ma' Anvil Ltd u tnehhew minn din il-kariga. Ma setawx johorgu invoices f'isem Anvil Decor, iżda kellhom johorguhom minn Anvil Ltd. Ix-xhud ma setax jiftakar id-data ta'meta tnehhew minn diretturi, pero' kkonferma illi x-xoghol ma tlestiex ghaliex kienu tnehhew minn diretturi u minhabba l-fatt illi l-post tar-rikorrenti ma kienx lest ghall-installazzjoni. Wara dan kollu huma ma setawx ikomplu bix-xoghol ghaliex kienu tnehhew mill-post tax-xoghol. B'referenza ghal Dok.CP1 klawzola 5 u mistoqsi mit-Tribunal ghalfejn bhala operaturi huma ma kienux lestew ix-xogholijiet, ix-xhud stqarr illi huwa ma kienx Malta meta dan gara. Ma kienux thallew jahdmu mill-fond tieghu ghaliex ma kienux hallsu l-kera, gialadarba l-management agreement kien skada.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha, regghat kkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn żiedet tistqarr illi hija qatt ma kienet rat lir-rikorrenti u li r-ricevuta tad-depozitu harget fuq Anvil Decor Ltd. Stqarret illi hi m'ghandhiex x'taqsam la ma' Anvil Decor Ltd u lanqas ma' klijenti. L-order form li nghatat lir-rikorrenti m'hijiex taghha. Stqarret ukoll illi Dok.CP2 hija l-letterhead taghha u kkonfermat illi hija qatt ma harget dan id-dokument. Ma taf xejn dwar il-kaz. Qatt ma rat flus u Anvil Decor Ltd ma tistax tiddepożita flus fil-kont ta' Anvil Ltd. Ikkonfermat illi hija qatt ma awtorizzat li tintuża l-letterhead ta' Anvil Ltd, fejn żiedet tistqarr ukoll illi sabiex jaghmlu hekk kienu jistaqsuha u hi kienet tipprepara kollox hi ghaliex kollox taghha. Hadd ma kellu d-dritt li juża l-kumpanija taghha, lanqas ghal raġunijiet ta' taxxa.

Is-socjeta' ntimata Anvil Ltd ezebiet kopja ta' management agreement bejn Anvil Ltd u Anvil Decor Ltd, li ġiet immarkata bhala Dok.CP1; flimkien ma' template ta' invoice mahruga minn Anvil Ltd, li ġiet immarkata bhala Dok.CP2.

It-Tribunal sema' s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

It-Tribunal qed jichad l-ewwel eċċezzjoni tas-socjeta' ntimata Anvil Ltd, in vista tal-fatt illi ma gie kkwotat l-ebda artikolu tal-ligi rigwardanti l-preskrizzjoni hekk issollevat.

It-Tribunal jirrileva illi fi stadju tardiv tal-proceduri s-socjeta' ntimata u l-intimat, it-tnejn issollevaw l-pregudizzjali li ma kienux ircevew in-notifika bil-miktub fi zmien xahrejn ai termini tal-Artikolu 79(1) tal-Kap. 378. Ghalkemm jirrizulta li fil-fatt tali notifika ma saritx, jirrizulta li fit-terminu ta' xahrejn il-konsumaturi kien avvicinaw lill-intimati sabiex javzawhom bil-fatt illi x-xoghol kien ghadu ma sarx u fil-fatt l-istess intimati kienu, fl-istess terminu, anki baqghu jsostnu illi x-xogholijiet kienu ser isiru. Ghalhekk l-intimati ma jistawx jghidu illi ma kienux gew informati tempestivament dwar il-problema riskontrat mir-rikorrenti. It-Tribunal jifhem illi l-Artikolu 79(1) qieghed hemm sabiex ma jesponix lin-negozjant espost ghal perijodu inordinat ta' zmien u anki sabiex jekk ikun hemm xi rimedji li jkunu jistghu isiru dawn isiru tempestivament: jekk hemm hsara forsi jkun iktar facli li tissewwa llum milli ghada. Il-prova tan-notifika bil-miktub hija intiza sabiex tizgura li x-xahrejn gew rispettati. F'dan il-kaz jirrizulta li l-intimati gew avzati tempestivament u ma soffrew l-ebda pregudizzju bil-fatt li ma gewx notifikati bil-miktub. Zgur illi l-Artikolu 79(1) mhux qieghed hemm sabiex jaghti skuza facli lin-negozjant li jehles mill-obbligi tieghu taht il-ligi. La darba irrizulta li l-intimati gew informati fit-terminu ta' xaharejn u anki wieghdu illi x-xogholijiet kienu ser isiru fl-istess terminu, u la darba din il-pregudizzjali tqajmet daqshekk tant tard fil-proceduri, it-Tribunal iqis li n-nuqqas ta' notifika bil-miktub m'ghandux iwassal sabiex it-talba tar-rikorrenti tigi michuda. Ghalhekk, it-Tribunal sejjer jichad il-pregudizzjali sollevata mill-intimati.

Mill-atti jirrizulta illi fis-16 ta' Frar 2009 s-socjetà intimata Anvil Limited kienet dahlet fi ftehim li kellu durata ta' ghaxar snin deskritt bhala "co-operation" agreement mas-socjetà Anvil Décor Limited li permezz tieghu gie miftiehem *inter alia* illi Anvil Décor Limited setghet topera mill-fond "Hut No. 7", Hutmen Area, Corradino Heights, Corradino, Malta li kien di proprjetà, jew x'aktarx mikri, minn Anvil Limited.

Barra minn hekk kien gie miftiehem illi Anvil Décor Limited setghet tinnomina zewg diretturi fuq il-bord tad-diretturi ta' Anvil Limited.

Jirrizulta illi in virtù ta' dan il-ftehim Dunstan Williams u Ehmet Urtugul kienu gew nominati bhala diretturi ta' Anvil Limited sakemm eventwalment tnehhew fl-10 ta' Awissu 2010, kif jirrizulta mill-Form K ezibita in atti.

Ghalhekk meta saret l-*order form* datata 7 ta' Gunju 2010, iffirmata minn Dunstan Williams, dan kien ghadu direttur ta' Anvil Limited.

Is-socjetà intimata Anvil Limited tikkontendi illi Dunstan Williams hareg l-*order form de quo* minghajr il-kunsens taghha u zamm huwa stess id-depozitu imhallas mir-rikorrenti.

It-Tribunal izda jqis illi mill-punto di vista tar-rikorrenti din il-kwistjoni hija *res inter alios acta* bejn Anvil Limited u Dunstan Williams gialadarba meta saret l-*order form* in kwistjoni Dunstan Williams kien direttur ta' Anvil Limited u *prima facie,* almenu sa fejn jirrigwarda r-rikorrenti, l-

istess *order form* inharget f'isem Anvil Limited minn persuna li kienet direttur tal-istess Anvil Limited.

L-Artikolu 137(5) tal-Att dwar il-Kumpanniji jipprovdi li:

*"Any limitation on the powers of the board of directors **or of any director of the company shall not be relied on as against third parties** independently of whether that limitation, published or not, arises from the memorandum or articles or from any resolution of the general meeting or from a decision of the board of directors of the company"*

Sa fejn jirrigwarda r-rikorrenti l-*order form* mahruga fuq *letterhead* ta' Anvil Limited minn direttur taghha stess kienet valida u dan indipendentement mill-arrangament **intern** li seta' kien hemm bejn Anvil Limited u Dunstan Williams. Jekk stess Dunstan Williams hareg l-*order form* in kwistjoni minghajr awtorità jew altrimenti zamm id-depozitu ghalih, dik hi kwistjoni li Anvil Limited ghandha taraha ma' Dunstan Williams. Ir-rikorrenti li huma, ghall-finijiet tal-Artikolu 137(5), terzi ma jistghux jigu rinfaccjati bi kwistjonijiet li huma interni bejn Anvil Limited u ex-direttur taghha.

It-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet *Catherine mart Joseph Galea v. Milica Micovic noe* (App. Civ. 271/93GV dec. 19/11/2001) fejn gie ritjenut proprju b'referenza ghad-disposizzjoni appena citata illi:

*"Dawn il-provvedimenti iqarrbu lejn id-dottrina moderna Ingliza li ttendi biex taghti kopertura kwazi kompleta lit-terz li jinnegozja ma' rapprezentant tas-socjeta' u jizguraw li s-socjeta' taghmel tajjeb ghall-operat tad-diretturi taghha fdati bl-amministrazzjoni taghha kif ukoll ghal min kellu posizzjoni ta' responsabilita' fit-tmexxija taghha.*

*"What remains a problem is the situation where a third party deals with an individual director whose authority to act on behalf of the company is disputed ................ For a third party to be able to hold the company to a transaction where he has dealt not with the board but with an individual director, officer or employee, it will be necessary for the third party to show that the individual with whom he dealt had authority, actual or ostensible, to bind the company in this way. Actual authority may be expressed or implied authority: express, arising from an explicit conferring of authority on a director, perhaps in the articles of association implied, arising from the position which the individual holds. Ostensible of apparent authority, on the other hand, is the authority of an agent as it appears to others." (Company Law, Farrar's, Third Edition, 1991 page 374 et seq)*

*"Where the person through whom the third party dealt occupies a position in the company such that it would be usual for an occupant of that position to have authority to bind the company in relation to the transaction concerned, the company will be bound. The third party dealing with the company in good faith will be entitled to assume that that person has authority unless he knows the contrary or knows of facts which would have put a reasonable person on inquiry. Thus if the person acting for the company is its chief executive or managing director, then, despite the fact that the Act refuses to treat him as an organ of the company equivalent to the board of directors unless there are suspicous circumstances, or the transaction is of such magnitute as to imply the need for board approval, he may safely be assumed to be authorised. In practice, he will probably*

*have actual authority but, even if he has not, he will have ostensible authority and his acts will bind the company." ("Freeman & Lockyer vs Buckhurst Park Properties Limited" [1964]; Gower's Principles of Modern Company Law, Sixth Edition, 1997, pg. 201 et seq)"*

Ghalhekk l-eccezzjoni sollevata minn Anvil Limited fis-sens li hija estranea ghal din il-vertenza u li d-depozitu *de quo* ma thallasx lilha ma tistax tigi milqugha. Jikkonsegwi wkoll illi Dunstan Williams *proprio* mhux il-legittimu kontradittur tar-rikorrenti u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jilqa' l-ewwel eccezzjoni ssollevata mill-intimat Dunstan Williams. Evidentement, jibqa' impregudikat kwalsijasi dritt ta' rivalsa li Anvil Limited jista' jkollha fil-konfront ta' Dunstan Williams.

It-Tribunal, wara li ra l-Artikolu 20 tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, b'referenza partikolari ghas-sub-artikolu (1)(b) ta' l-istess Artikolu, liema sub-artikolu jaghmel referenza ghal *"meta t-talba jkollha x'taqsam ma', tohrog minn jew tkun dwar, sew direttament jew indirettament – l-ghoti ta' servizzi minn kummerċjant lil konsumatur"*, u wara li ra illi t-talba in kwistjoni tirrigwarda n-nuqqas totali ta'servizz da parte ta' l-intimati, qed jichad it-tieni eċċezzjoni ta' l-intimat Dunstan Williams.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti fil-konfront tas-socjeta' ntimata Anvil Ltd, filwaqt li jillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-intimat Dunstan Williams, u jordna lis-socjeta' ntimata Anvil Ltd thallas l-ammont ta' sebgha mija disgha u ghoxrin Ewro (€729.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess socjeta' ntimata Anvil Ltd.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**